Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 35/2010

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**John David Scarnell**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta` rikorrentighall-kundanna tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, mija u sitta u tmenin Euro u erbatax –il centezmu ta' Euro, (€4,186.14), liema soma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut minn Scarnell John David lis-socjeta` rikorrenti Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizz rezi lilu mill-istess socjeta` rikorrenti Mobisle Communications Limited fix-xhud ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009, u dana in segwitu ta, u skont**

**Client Contract bin-numru 414888, liema kuntratt huwa ffirmat mill-intimat John David Scarnell;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' nhar il-31 ta' Ottubru tas-sena 2009, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex l-inimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx, la fid-19 ta' Jannar tas-sena 2011 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lill-intimat John David Scarnell sabiex ihallas is-somma ta' erbat elef, mija u sitta u tmenin Euro u erbatax –il centezmu ta' Euro, (€4,186.14), lis-socjeta` rikorrenti Mobisle Communications Limited;**

**Bl-ispejjez kif dedotti kontra l-intimat John David Scarnell.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------